IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 13**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 29 ta' Lulju 2015 fis-5:45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Audrey Sant | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B12**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B12 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mic-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B12

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B12**

2.01 2.02 Is-Sur Christopher Farrugia flimkien mas-Sra Renate Guillaumier taw spjega dwar il-punti li ġew diskussi mad-Direttorat tat-Transport Pubbliku. Huma qalu li Laqgħa mad-Direttorat tat-Transport Pubbliku

- Id-Direttorat tat-Transport Pubbliku m'aċċetawx it-talba tal-KA li ssir *Bus Stop* ġdida fi Triq il-Buskett, minħabba li m'hemmx spazju biżżejjed u għaldaqstant tista tkun ta' periklu.
- Dwar il-karozzi tal-linja li qegħdin jieqfu fi Triq Godwin Ganado għal tul ta'



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

ħin. Id-Direttorat infurmawna li l-karozzi tal-linja ser jibdew jieqfu fl-*interchange* ta' ħdejn r-Roman Villa.

- Dwar il-proposta sabiex tal-Virtu` ikun jagħmel parti mir-rotta tar-Rabat u sabiex jintużaw karozzi tal-linja iżgħar minn dawk użati bħalissa, d-Direttorat qal li din m'hijiex vijabli u għaldaqstant mhux ser tkun sostenibbli.
- Dwar it-talba li saret sabiex titwaħħal tabella fi Triq tal-Virtu` biex ma jidħlux karozzi tal-linja minn ħdejn 74, Villa Hugel għal fejn is-Seminarju, id-Direttorat qal li tali talba trid issir lil 'Transport Malta'.

2.02 2.03 Is-Sur Christopher Farrugia issuġġerixa li n-*Neighbourhood Watch* tidħol fis-seħħ fix-xahar ta' Settembru minħabba l-fatt li bħalissa diversi residenti jkunu villeġjatura. Il-Kumitat qabel. *Neighbourhood Watch*

2.03 2.04 Iċ-Ċerpersin ippropona li tintbgħat ittra lil Ministru konċernat u kopja tal-istess ittra lid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern rigward il-ħajt fi Triq Godwin Ganado. Is-Sur Christopher Farrugia ssekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. Ħajt fi Triq Godwin Ganado

2.04 3.02 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li t-toqba li kien hemm fuq il-bankina kienet saret. Toqba fuq il-bankina quddiem 5 Triq Francesco Azzopardi

2.05 3.03 Is-Sra Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li l-*bricks* li kien hemm nieqes fuq il-bankina quddiem nru 74, Triq tal-Virtu kienu saru. Bankina Triq tal-Virtu

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri

3.01 Is-Sur Christopher Farrugia qal li diversi residenti qegħdin jilmentaw dwar skart li qiegħed jiġi mormi madwar il-*bring-in-sites* fi Triq Godwin Ganado. Huwa issuġġerixxa li dawn jitneħħew u jinstabilhom post alternattiv. Iċ-Ċerpersin qal li dawn il-*bring-in-sites* m'hemmx post alternattiv fejn jistgħu issiru, għaldaqstant il-Kumitat qabel li dawn jitħallew fejn huma. *Bring-In-Sites* fi Triq Godwin Ganado

3.02 Is-Sra Renate Guillaumier qalet li hemm bżonn li jinżebagħ ir-*railing* tal-Belvedere. *Railing* Belvedere

## 4.00 Diskussjoni dwar il-finanzi

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. Diskussjoni dwar il-finanzi

Iċ-Ċerpersin ppropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekonda din il-proposta is-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament.

## 5.00 Korrispondenza

Korrispondenza

5.01 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa.

**6.00 Materji Oħra**

6.01 Ma kien hemm l-ebda materji oħra x'tiġi diskussa. Materji Oħra

**7.00 Data tas-Seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2015 fil-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6:41 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 1 ta' Settembru 2015

f/ **Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**

Administrative Committee Tal-Virtu'

Management Accounts
for the period ended
30 June 2015

Table of Contents

| Table of Contents | Pages |
| --- | --- |
| Statement of Income and Expenditure | 1 |
| Notes to the Financial Statements | 2 - 3 |

## Statement of Income and Expenditure

| | Notes | 1st January 2015-<br>30th June 2015<br>( 6 months)<br>€ |
|---|---|---|
| **Income** | | |
| Funds received from central government | 1 | 28,965 |
| **Expenditure** | | |
| Operations and Maintenance | 2 | 10,740 |
| Administrative and other Expenditure | 3 | 4,059 |
| | | 14,799 |
| **Surplus for the period** | | 14,166 |

## Notes to the Financial Statements
## For the period ended 30 June 2015

### 1. Funds Received from Central Government

| | 1st January 2015-<br>30th June 2015<br>( 6 months)<br>€ |
|---|---|
| In terms of Section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | 28,965 |

### 2. Operations and Maintenance

| | 1st January 2015-<br>30th June 2015<br>( 6 months)<br>€ |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and street pavements | - |
| Repair and plant and equipment | 936 |
| | 936 |

| | 1st January 2015<br>30th June 2015<br>( 6 months)<br>€ |
|---|---|
| **Contractual Services:** | |
| Refuse collection | 5,429 |
| Road and street cleaning | 1,821 |
| Bulky Refuse | 340 |
| Other Contractual services | 562 |
| Waste Disposal | 1,652 |
| | 9,804 |
| | 10,740 |

## 3. Administration and other expenditure

| | 1st January 2015-30th June 2015 (6 months) € |
|---|---|
| Professional services | 234 |
| Stationery and printing | 318 |
| Advertising | 37 |
| Utilities | 160 |
| Other office services | 15 |
| Executive salary and employees' salaries | 3,295 |
| | 4,059 |